Kumitat Ewropew tar-Reġjuni



Rapport Annwali tal-UE dwar l-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet

# Skeda informattiva 2023



#SOTEULocal

# Kapitolu 1

## Ir-reġjuni u l-bliet jimmaniġġjaw il-kriżijiet

### Ir-reġjuni u l-bliet tal-UE huma kruċjali għall-akkoljenza u l-integrazzjoni b'suċċess tal-persuni spostati Ukreni.

L-għadd ta' Ukreni rreġistrati b'mod attiv għal protezzjoni temporanja




L-influss ta' persuni spostati kkawżat mill-gwerra qawwija ta' aggressjoni tar-Russja fuq l-Ukrajna fi Frar 2022 huwa l-akbar wieħed li ffaċċjat l-Unjoni Ewropea. Il-persuni spostati Ukreni huma prinċipalment nisa u tfal. Bis-saħħa tal-ewwel użu mill-UE tad-Direttiva dwar il-protezzjoni temporanja, huma ġew iggarantiti d-dritt ta' residenza, ta' aċċess għall-akkomodazzjoni, għall-kura tas-saħħa u għall-edukazzjoni u li jfittxu xogħol. L-Ukreni spostati stabbilixxew ruħhom fl-UE kollha – madwar nofs ir-reġjuni u l-bliet tal-UE jirrapportaw li jospitaw refuġjati mill-Ukrajna – iżda għażlu primarjament ċentri urbani kbar. Aktar minn 3,5 miljun Ukren jinsabu fil-Ġermanja, fiċ-Ċekja u fil-Polonja; ċerti pajjiżi – b'mod partikolari l-Estonja – irċevew għadd partikolarment kbir meta mqabbel mal-popolazzjoni ospitanti. L-10 reġjuni tal-UE li jospitaw l-ogħla numru ta' refuġjati huma l-Polonja (5), il-Ġermanja (4) u ċ-Ċekja (ir-reġjun ta' Praga). B'aktar minn 220 000, Nordrhein-Westfalen (DE) huwa r-reġjun tal-UE li jospita l-aktar refuġjati Ukreni, segwit minn Mazowieckie (PL) bi ftit aktar minn 200 000. Ir-reġjuni u l-bliet ipprovdew appoġġ imfassal apposta f'dsk li jirrigwarda edukazzjoni u servizzi oħra ta' integrazzjoni, speċjalment lin-nisa. Il-biċċa l-kbira tar-reġjuni u l-bliet (60 %) jaraw benefiċċji ċari – mil-lat ta' demografija, attitudnijiet u ekonomija, fost l-oħrajn – fl-akkoljenza tar-refuġjati fil-komunitajiet tagħhom. Is-solidarjetà murija lejn il-persuni spostati Ukreni kkontribwiet għal din l-attitudni pożittiva.

X'taħseb li huma wħud mill-benefiċċji tar-refuġjati li jiġu u jibqgħu fi bliet żgħar u ta' daqs medju? Agħżel it-tweġibiet kollha li japplikaw.




Sors: stħarriġ imwettaq mill-KtR fi sħubija mal-OECD, Eurochambres. is-sejbiet ġew ippreżentati

fil-laqgħa tal-Kummissjoni CIVEX fit-18.04.2023 u fis-sessjoni ta' ħidma tal-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet.

**Storja ta' suċċess** | Waqfa mill-gwerra – vaganzi tas-sajf għat-tfal Ukreni.

**Il-vaganzi tas-sajf għat-tfal Ukreni** taw lil ħafna tfal Ukreni l-opportunità li jgawdu programmi għaż-żgħażagħ fil-vaganzi tas-sajf fi bliet u reġjuni diversi, bħal Nimes (Franza), Ateni (il-Greċja), Ruma (l-Italja), Tampere (il-Finlandja), Gdansk (il-Polonja), Portimao (il-Portugall), Preili (il-Latvja), Wielkopolska (il-Polonja), Lubelskie (il-Polonja), Maramures (ir-Rumanija), Podkarpackie (il-Polonja), Pomorskie (il-Polonja), il-Bavarja (il-Ġermanja), Lodzkie (il-Polonja), kif ukoll Miskolc u Sátoraljaújhely (l-Ungerija).

## L-Ukrajna: bil-pjani u l-prinċipji fis-seħħ, wasal iż-żmien li tinbeda r-rikostruzzjoni. 83 % tal-awtoritajiet lokali lesti li jikkontribwixxu. L-azzjoni tal-KtR tgħin biex timla l-vojt fil-kooperazzjoni sottonazzjonali.

Erbgħa minn kull ħamest ibliet u reġjuni tal-UE (83 %) jemmnu li jistgħu jikkontribwixxu għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna b'xi mod, permezz tal-pjan Ewropew usa' biex jgħin l-irkupru tal-Ukrajna, permezz ta' għajnuna materjali u finanzjarja, programmi ta' ġemellaġġ jew permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki. Ħafna diġà qed jieħdu azzjoni: in-numru ta' sħubijiet bilaterali bejn l-UE u r-reġjuni u l-bliet tal-Ukrajna żdied. Madankollu, aktar minn nofs il-bliet iżgħar tal-Ukrajna għadhom mingħajr imsieħba formali tal-UE. L-Alleanza tal-Bliet u r-Reġjuni għar-Rikostruzzjoni tal-Ukrajna stabbilita mill-KtR u ħafna msieħba f'Ġunju 2022 qed tgħin biex timla l-vojt fil-kooperazzjoni sottonazzjonali. Il-ħtieġa doppja tal-Ukrajna – li tibni mill-ġdid u tħejji għas-sħubija fl-UE – tfisser li d-domanda għal għarfien espert materjali, finanzjarju, tekniku u politiku se tikber. Il-proġett iffinanzjat mill-UE Il-Patt tas-Sindki – Lvant, maħsub biex jappoġġja t-tranżizzjoni ekoloġika fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, juri l-potenzjal ta' azzjoni sottonazzjonali: 198 muniċipalità fl-Ukrajna ffirmaw, u 158 minnhom żviluppaw pjani ta' azzjoni lokali.




Fil-fehma tiegħek, ir-reġjun jew il-belt tiegħek kif tista' tikkontribwixxi għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna? [aktar minn tweġiba waħda permessa] (% imsemmi, UE27)

Sors: Barometru Reġjonali u Lokali 2023

**Storja ta' suċċess |** Alleanza Ewropea tal-bliet u r-reġjuni għar-rikostruzzjoni: inizjattiva tal-KtR għall-koordinazzjoni tal-għajnuna u l-appoġġ lir-reġjuni u l-bliet Ukreni.

L-Alleanza Ewropea tal-Bliet u r-Reġjuni għar-Rikostruzzjoni tal-Ukrajna pprovdiet pjattaforma għall-koordinazzjoni tal-isforzi ta' għajnuna u għall-espressjoni ta' appoġġ politiku u simboliku qawwi mir-reġjuni u l-bliet tal-UE lill-kontropartijiet Ukreni tagħhom.

## Id-diżastri klimatiċi qed ikollhom impatt dejjem aktar mhux uniformi fir-reġjuni Ewropej kollha iżda l-maġġoranza tal-mexxejja lokali jilmentaw dwar in-nuqqas ta’ mekkaniżmi ta’ finanzjament iddedikati biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-adattament għat-tibdil fil-klima.

Il-mewġiet ta’ sħana, nixfiet, għargħar għal għarrieda u nirien fil-foresti qerdu ħafna reġjuni madwar l-Ewropa dan is-sajf. Dawn qed ikollhom impatt dejjem akbar fuq il-popolazzjonijiet u l-ekonomiji lokali. Huwa stmat li huma meħtieġa EUR 40 biljun fis-sena f’investimenti ta’ adattament għall-klima biex ikun hemm adattament għaż-żieda fit-temperatura globali ta’ 1,5 °C. Biż-żieda fid-diżastri relatati mal-klima, il-produttività u l-vijabbiltà tal-attivitajiet ekonomiċi lokali u reġjonali jinsabu f’riskju. Ir-reġjuni u l-bliet jaqdu rwol fundamentali fl-adattament tal-miżuri kontra t-tibdil fil-klima iżda hemm diskrepanza reali fil-finanzjament għall-adattament, b’75 % tal-politiċi reġjonali u lokali jiddikjaraw li jbatu minħabba nuqqas ta’ mekkaniżmi ta’ finanzjament iddedikati biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-adattament għat-tibdil fil-klima. Ir-reġjuni b’livell għoli ta’ impjiegi fl-agrikoltura jew fis-setturi tal-bini huma affettwati b’mod partikolari, speċjalment minn mewġiet ta’ sħana itwal u aktar intensi. Pereżempju, il-mewġiet ta’ sħana tas-sajf tal-2023 swew lit-territorji Spanjoli l-ekwivalenti ta’ 1 % tal-PDG, wara li l-agrikoltura sofriet minħabba nixfiet fit-tul. Iż-żieda fit-temperatura globali qed tfixkel ukoll b’mod sinifikanti l-industrija tat-turiżmu lokali.




Il-ħsara annwali mistennija lil infrastruttura kritika f’reġjuni Ewropej, minħabba t-tibdil fil-klima, sa tmiem is-seklu (EUR miljuni)

Sors: Kummissjoni Ewropea

**Storja ta’ suċċess** | Rikostruzzjoni reżiljenti u appoġġ soċjali fil-Wallonia.

Bi tweġiba għall-għargħar katastrofiku fl-2021, il-gvern reġjonali tal-Wallonia qed jiżviluppa l-Master Plan de la Vallée de la Vesdre u programmi sostenibbli tal-viċinat, immirati lejn il-bini mill-ġdid taż-żona b’mod responsabbli u sostenibbli. Ser jiġu investiti EUR 40 miljun f’akkomodazzjoni pubblika ġdida għall-muniċipalitajiet l-aktar affettwati. Barra minn hekk, il-gvern tal-Wallonia wiegħed EUR 1,03 biljun biex ikopri bis-sħiħ liċ-ċittadini milquta mill-għargħar.

# In-nixfa, l-għargħar u l-invażjoni tal-Ukrajna qed jaggravaw il-kriżi tal-ikel.

Ir-reżiljenza tas-sistema tal-ikel ġiet enfasizzata bis-sħiħ is-sena l-oħra, wara l-gwerra Russa kontra l-Ukrajna. Illum, aktar minn 32,5 miljun Ewropew ma jistgħux jaffordjaw ikla bnina kuljum. L-iskala tmur minn 0,4 % tal-popolazzjoni f'Ċipru għaċ-ċifra enormi ta' 22,4 % fil-Bulgarija. F'nofs ir-reġjuni Pollakki mill-inqas 4,7 % taċ-ċittadini ma jistgħux jaffordjaw il-laħam, it-tiġieġ jew il-ħut darba kull jumejn. Barra minn hekk, il-ħamrija xotta, ix-xita qawwija u n-nixfiet qed jolqtu firxa wiesgħa ta' għelejjel u qed jheddu li jgħollu l-prezzijiet tal-ikel f'ħafna pajjiżi tal-UE. Pereżempju, Spanja (-16 %) u l-Italja (-20 %) jirrapportaw ħsad tal-larinġ ferm aktar baxx. Madankollu, il-bliet u r-reġjuni tal-UE huma ppreparati biex ilaħħqu max-xokkijiet li ġġib magħha l-kriżi tal-ikel, biex jimminimizzaw l-impatt tagħha b'soluzzjonijiet innovattivi u biex jirkupraw u jkunu mħejjija aħjar għaċ-ċiklu li jmiss.




Inabbiltà li wieħed jaffordja ikla bil-laħam, bit-tiġieġ, bil-ħut mill-inqas darba kull jumejn

Il-Polonja skont il-livell NUTS2

Sors: Kompilazzjoni tal-KtR ibbażata fuq Glowny Urzad Statystyczny




Indikatur tan-nixfa. Sors: Kompilazzjoni tal-KtR ibbażata fuq iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Rapport dwar in-nixfa fl-Ewropa, Ġunju 2023

**Storja ta' suċċess** | Tħejjija għan-nixfiet, pjan Katalan għall-ġestjoni tal-ilma 2022-2027.

Konxju mill-impatt devastanti tan-nixfiet fuq l-agrikoltura reġjonali, f'Mejju 2023 il-gvern tal-Katalonja (Spanja) approva l-Pjan ta' Ġestjoni tal-Ilma 2022-2027 tiegħu li jistabbilixxi investimenti b'valur ta' EUR 2,4 biljun biex jipprepara r-reġjun għal nixfiet li se jsiru dejjem aktar frekwenti u aktar severi (ix-xita x'aktarx li tonqos bi 18 % fid-deċennji li ġejjin).

# Kapitolu 2

## Atturi tal-bliet u r-reġjuni għal żvilupp sostenibbli

### Il-viżibbiltà tal-politika ta' koeżjoni għandha tiżdied, peress li 33 % tal-awtoritajiet reġjonali u lokali mhumiex konxji jew mhumiex jibbenefikaw mill-opportunitajiet ta' finanzjament tagħha.

Minkejja l-impatt pożittiv tal-politika ta' koeżjoni fuq l-ekonomiji tal-UE f'dawn l-aħħar 25 sena (kull euro minfuq huwa mistenni li jiġġenera EUR 2,8 ta' PDG addizzjonali), id-disparitajiet reġjonali għadhom għoljin u f'xi każijiet saħansitra qed jikbru. Dan joħloq theddida serja għas-soċjetajiet tagħna, peress li l-postijiet li jħossu li tħallew lura qed jiffaċċjaw aktar skuntentizza fit-tul. Stħarriġ tal-KtR jenfasizza li, għar-reġjuni u l-bliet tal-UE, is-semplifikazzjoni (41 %) u ż-żieda fil-viżibbiltà (36 %) huma t-titjib ewlieni għall-futur tal-politika ta' koeżjoni. Il-Barometru Reġjonali u Lokali jikkonferma n-nuqqas attwali ta' viżibbiltà u involviment fil-fondi tal-UE tal-mexxejja lokali; bi 33 % tar-rappreżentanti lokali u reġjonali tal-UE jgħidu li mhumiex konxji jew mhumiex involuti fil-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni tal-UE. Ir-reġjuni u l-bliet jikkonfermaw li l-politika ta' koeżjoni ġġib valur miżjud għall-belt jew ir-reġjun tagħhom, peress li tappoġġja tipi speċifiċi ta' proġetti (53 %) u kooperazzjoni transfruntiera (25 %) iżda wkoll tiżgura sħubijiet fost l-atturi fil-livelli istituzzjonali kollha (18 %). Il-KtR, b'mod partikolari permezz tal-Alleanza għall-Koeżjoni tiegħu, huwa minn ta' quddiem nett biex jipproponi riforma tal-politika ta' koeżjoni li tista' tgħin lill-postijiet kollha u lin-nies kollha fl-UE.

Liema tkun l-aktar riforma importanti li għandha tiġi inkluża fil-futur tal-politika ta' koeżjoni?

Sors: KtR




Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni jġib valur miżjud għall-belt jew ir-reġjun tiegħek, meta mqabbel ma' flussi oħra ta' finanzjament (nazzjonali jew reġjonali)? Jekk iva, f'liema forma? [aktar minn tweġiba waħda permessa] (% imsemmi, UE27)

Sors: Barometru Reġjonali u Lokali 2023

Bażi: rispondenti li huma konxji mill-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni (n=1 631)



## In-Next Generation EU għadu territorjalment "għami": aktar minn 70 % tal-mexxejja lokali ma kinux involuti fl-implimentazzjoni tiegħu.

Minkejja l-isforz konsiderevoli li spiss ikun meħtieġ mill-amministrazzjonijiet pubbliċi biex jiżguraw li l-fondi tal-UE jintefqu b'mod effettiv u fejn huma l-aktar meħtieġa, ir-rwol tar-reġjuni u l-bliet ma ġiex rikonoxxut b'mod adegwat fit-tfassil tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-pedament tal-pjan ta' rkupru Next Generation EU. Data miġbura fl-2021 u l-2022 mill-KtR hija kkonfermata mill-Barometru Reġjonali u Lokali l-ġdid: aktar minn 70 % tar-rispondenti ddikjaraw li ma kinux involuti fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Din l-għodda għalhekk tidher li hija territorjalment "għamja". Li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jitħallew jipproponu l-aktar oqsma adatti għall-appoġġ finanzjarju huwa l-aktar mod effettiv biex jiġi żgurat li l-flus jintużaw bl-aħjar mod. Il-fatt li l-Istati Membri jitħallew jiddeċiedu jekk jinvolvux lill-awtoritajiet sottonazzjonali fit-tfassil tal-programmi jikkomprometti s-suċċess potenzjali tagħhom. L-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kellha wkoll impatt dirett fuq il-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali tal-politika ta' koeżjoni 2021-27, u kkawżat dewmien sinifikanti. L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea jridu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jibdlu n-narrattiva ċentralizzata attwali f'approċċ ta' implimentazzjoni f'diversi livelli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza billi jistabbilixxu pjattaformi f'diversi livelli, sessjonijiet ta' informazzjoni u avvenimenti fuq bażi strutturali u flimkien mal-bliet u r-reġjuni.

Taf b'xi finanzjament tal-UE ġej mill-Next Generation EU li rċeviet il-belt jew ir-reġjun tiegħek f'dawn l-aħħar sentejn, u kont involut fih? (% skont il-pajjiż)

Sors: Barometru Reġjonali u Lokali 2023




**Storja ta' suċċess |** Il-muniċipalitajiet taljani diġà utilizzaw 90 % mill-EUR 40 biljun assenjati lilhom biex jimplimentaw il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Skont il-President tal-Associazione Nazionale Comuni Italiani (ANCI), Antonio Decaro, il-muniċipalitajiet Taljani huma attivi ħafna fl-implimentazzjoni tal-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-muniċipalitajiet ġew assenjati EUR 40 biljun minn total ta' EUR 191,5 biljun, u diġà impenjaw 90 % ta' dawk il-fondi, id-doppju tar-rata medja ta' impenn għall-fondi allokati lil entitajiet oħra.

# It-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika għadha sfida ewlenija għar-reġjuni u l-bliet tal-UE: il-vulnerabbiltajiet u r-riskju ta' attakki ċibernetiċi jitolbu aktar investiment u tħejjija.

It-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika żżid kemm il-kostijiet kif ukoll ir-riskju u toħloq sfidi eżistenzjali għal ħafna reġjuni u bliet Ewropej. In-nuqqas relattiv ta' għarfien espert u infrastruttura ipoġġihom partikolarment f'riskju ta' attakki ċibernetiċi. Dan ir-riskju jġib miegħu saħansitra aktar sfidi, bl-attakki ċibernetiċi l-aktar probabbli li jimmiraw lejn servizzi ewlenin bħall-mobbiltà jew is-saħħa. Madwar 97 % tar-reġjuni u l-bliet għadhom jixtiequ jinvestu fl-infrastruttura diġitali, u ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni politika dwar l-appoġġ finanzjarju disponibbli, kif ukoll aċċess aktar faċli għall-fondi, se jkunu essenzjali biex dan iseħħ.

41 most vulnerable regions to industrial green transition

Organisation for Economic Co-operation and Development, Regional Industrial Transitions to Climate Neutrality, 2023




Fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika, l-Istħarriġ tal-KtR juri li r-reġjuni u l-bliet ħadu azzjonijiet b'mod partikolari biex inaqqsu l-konsum tal-enerġija (62 %), biex jippromovu l-konservazzjoni tan-natura u l-ekoloġizzazzjoni tal-bliet (40 %) u biex inaqqsu l-iskart u l-impatt ambjentali tiegħu (37 %). L-ekoloġizzazzjoni kontinwa tal-industrija Ewropea għad għandha impatt sinifikanti fil-livell lokali u reġjonali. Mentri ċerti reġjuni jirnexxilhom jimmaniġġjaw il-vantaġġ u t-tranżizzjonijiet ekonomiċi, xi wħud huma aktar vulnerabbli u qed isibuha diffiċli biex jassorbu l-konsegwenzi, pereżempju, it-telf ta' impjiegi li jġib miegħu l-għeluq ta' industriji intensivi fil-karbonju bħall-minjieri tal-faħam jew ir-raffineriji taż-żejt. Ir-reġjuni fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fl-Ungerija u fil-Polonja huma fost dawk li qed jesperjenzjaw telf ta' impjiegi minħabba l-għeluq ta' industriji intensivi fil-karbonju. Għalhekk, l-akkumpanjament ta' dawn ir-reġjuni b'investiment u titjib tal-ħiliet huwa tal-akbar importanza biex jiġi evitat li jinħoloq "distakk ekoloġiku" fl-Ewropa.

Il-kawżi ewlenin tal-aċċidenti u s-severità tal-impatt fis-sena

https://ciras.enisa.europa.eu/







**Storja ta' suċċess** | Il-Belt ta' Vilnius tiġġieled l-attakki ċibernetiċi bl-għajnuna ta' hackers etiċi.

Wara sensiela ta' attakki ċibernetiċi li ħallew impatt fuq l-infrastruttura diġitali ta' Vilnius (il-Litwanja), il-belt stabbiliet strateġija effettiva biex tiġġieled l-attakki ċibernetiċi. Fl-2021, il-belt adottat Pjan Strateġiku ta' Żvilupp ta' għaxar snin u żviluppat "Politika ta' Identifikazzjoni ta' Vulnerabbiltà Responsabbli", jiġifieri, sett ta' regoli li jinkoraġġixxu hackers etiċi biex jidentifikaw u jissottomettu informazzjoni dwar vulnerabbiltajiet ta' sigurtà lill-awtorità responsabbli mingħajr ma jiġu mħarrka.

# L-Aġenda Rurali: 30 miljun persuna mistennija li "jgħibu" miż-żoni rurali tal-Ewropa bejn l-1993 u l-2033.

Il-kontribut taż-żoni rurali għall-miri ambizzjużi u vitali tal-UE jinsab f'riskju għal żewġ raġunijiet ewlenin: it-tibdil fil-klima u d-depopolazzjoni. Bejn l-1993 u l-2033, 30 miljun persuna huma mistennija li jkunu telqu miż-żoni rurali tal-Ewropa. Dan huwa d-daqs tal-popolazzjoni tar-Rumanija, tal-Bulgarija u tal-Litwanja flimkien. Barra minn hekk, bejn l-2015 u l-2021, is-sehem ta' persuni li għandhom aktar minn 65 sena żdied b'5 % fiż-żoni rurali, id-doppju taż-żoni urbani. Id-depopolazzjoni u popolazzjoni rurali li qed tixjieħ iwasslu għal ċirku vizzjuż ta' inqas investimenti fis-servizzi pubbliċi (eż. l-indukrar tat-tfal, il-kura tas-saħħa u fit-tul, l-edukazzjoni, it-trasport pubbliku) u għall-istaġnar jew tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Din is-sitwazzjoni inkwetanti tirrappreżenta theddida għad-demokrazija Ewropea, minħabba li dawk in-nies li jibqgħu f'żoni rurali faċilment iħossuhom li tħallew jibqgħu lura mill-istituzzjonijiet lokali, nazzjonali u Ewropej.




Bidla ġenerali mbassra fil-popolazzjoni skont it-tipoloġija urbana-rurali, mill-1 ta' Jannar 2021 sal-1 ta' Jannar 2050 (%)

..............

Sors: Eurostat

## Storja ta' suċċess | L-irħula tal-enerġija Cochem-Zell, il-Ġermanja.

L-Istat ta' Rhineland-Palatinate qed jappoġġa l-proġett Cochem-Zeller Energiedorf (Villaġġ tal-Enerġija). Il-proġett huwa eżempju perfett ta' bidla li ġejja mill-impetu tas-soċjetà ċivili. Hija tiżviluppa networks tal-provvista tat-tisħin sostenibbli f'diversi rħula. Is-sħana tinkiseb minn injam li jiġi mill-foresti lokali (laqx tal-injam minn injam residwu tal-foresti) u termali solari. Dan isaħħaħ il-valur miżjud fir-reġjun. Fl-istess ħin, tiġi pprovduta konnessjoni diretta tal-fibra ottika lir-residenti.

# Kapitolu 3
## Il-futur tad-demokrazija u t-tkabbir tal-UE

### Il-fiduċja fil-gvernijiet lokali u reġjonali għadha ogħla mil-livelli nazzjonali u tal-UE.

L-iskuntentizza dejjem tikber fost iċ-ċittadini fl-istat tad-demokrazija f'pajjiżhom spiss tinħass l-aktar fil-livell lokali u reġjonali. Peress li l-livell ta' gvern huwa l-eqreb taċ-ċittadini, ir-rappreżentanti lokali u reġjonali spiss ikunu l-ewwel li jħossu r-rigressjoni kontra ż-żieda fl-inugwaljanza u theddid ieħor għad-demokrazija, li xi drabi saħansitra jwasslu għal vjolenza kontra l-politiċi lokali u reġjonali. Minkejja li jinsabu fuq quddiem nett fir-rigward tal-iskuntentizza taċ-ċittadini b'mod ġenerali, ir-rappreżentanti lokali u reġjonali rarament ikunu l-kawża ta' dak l-iskuntentizza. Il-fiduċja fil-gvern lokali u reġjonali qed tkompli tikber u għadha ogħla mill-fiduċja fil-livell nazzjonali u dak tal-UE: stħarriġiet tal-fehma pubblika juru b'mod konsistenti li mill-2018 'il hawn, l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma l-unika forma ta' gvern li hija fdata minn aktar minn 50 % tar-rispondenti fl-UE. Id-diversità dejjem tikber tal-proċessi demokratiċi fil-livelli reġjonali u lokali għenet biex tissaħħaħ il-leġittimità tar-rappreżentanti lokali, u r-reġjuni u l-bliet huma meqjusa b'mod ċar bħala l-aktar probabbli li jinvolvu ruħhom politikament maċ-ċittadini fuq bażi regolari.

Il-fiduċja f'livelli differenti ta' gvern

Sors: Imħejjija mill-KtR abbażi tal-Annessi tad-Data tal-Ewrobarometru Standard




**Storja ta' suċċess** | It-trawwim tad-dibattitu demokratiku mar-rappreżentanti lokali u reġjonali.

In-Network Ewropew ta' Kunsilliera Reġjonali u Lokali iħaddan aktar minn 2500 rappreżentant elett fl-assembleji reġjonali jew muniċipali fil-pajjiżi kollha tal-UE, lil hinn mis-sħubija tal-KtR. Dan isaħħaħ il-pedamenti demokratiċi tal-UE billi jqarreb l-Ewropa lejn il-komunitajiet lokali u jagħixxi bħala pjattaforma biex dawn jiltaqgħu, jiddiskutu u joħloqu network ma' kunsilliera oħra u membri tal-KtR.

## Leħen ir-reġjuni u l-bliet Ewropej għandu jinstema' iżjed fit-tfassil tal-politika tal-UE biex ikun iżjed effettiv.

Il-livelli lokali u reġjonali spiss ikunu involuti biex jgħinu fit-twettiq tal-politiki u l-programmi tal-UE maħsuba biex ikunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini tal-UE fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, iżda madankollu l-vuċi tar-reġjuni u l-bliet fejn jgħixu dawn iċ-ċittadini ma tingħatax widen biżżejjed fil-proċess tat-tfassil tal-politika tal-UE. Ir-rappreżentanti eletti fil-livell lokali u reġjonali huma kważi unanimi fl-appell biex dan jinbidel: 91 % ta' dawk li wieġbu għall-Barometru Reġjonali u Lokali tal-KtR kienu jew jaqblu għalkollox jew kellhom it-tendenza li jaqblu li r-reġjuni u l-bliet għandu jkollhom aktar influwenza fit-tfassil tal-politiki tal-UE u fid-dibattitu dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea. Meta ġew mistoqsija f'liema oqsma r-reġjuni u l-bliet għandu jkollhom vuċi akbar, dawk li wieġbu huma l-aktar probabbli li jwieġbu "ekonomija aktar b'saħħitha, ġustizzja soċjali u impjiegi", "edukazzjoni, kultura, żgħażagħ u sport" u "kriżi klimatika u l-ambjent".




B'mod ġenerali, taqbel jew ma taqbilx li r-reġjuni u l-bliet għandu jkollhom aktar influwenza fit-tfassil tal-politika tal-UE u fid-dibattitu dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea?

Sors: Barometru Reġjonali u Lokali 2023




Fil-fehma tiegħek, f'liema minn dawn l-oqsma r-reġjuni u l-bliet għandu jkollhom vuċi akbar fit-tfassil tal-politika tal-UE? [aktar minn tweġiba waħda permessa] (% imsemmi, UE27)

Sors: Barometru Reġjonali u Lokali 2023

Aqra
r-Rapport
sħiħ

CdR_4892/10-2023

**Kumitat Ewropew tar-Reġjuni**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

Verżjoni web
QG-04-23-764-MT-N
ISBN 978-92-895-2855-9
DOI 10.2863/200430

Verżjoni stampata
QG-04-23-764-MT-C
ISBN 978-92-895-2840-5
DOI 10.2863/200430

*© Unjoni Ewropea, 2023*

*Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat skont il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0). Dan ifisser li d-dokument jista' jerġa' jintuża dment li jingħata kreditu adatt u jiġi indikat kwalunkwe tibdil.*

*Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun meħtieġ li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi. Għaldaqstant, inti mitlub titlob drittijiet addizzjonali jekk kontenut speċifiku jinkludi xogħlijiet ta' partijiet terzi. Ladarba jinkiseb, dan il-permess għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.*

*Drittijiet tal-awtur għar-ritratti tal-faċċata © Xavier Lorenzo / stokkete / JackF / creativenature.nl / TTstudio / Tymoshchuk / michaeljung / Eugenio Marongiu / Patryk Kosmider / Nicolas Dieppedalle / Vladimir Arndt / JackF / C.Castilla / aapsky - stock.adobe.com*

Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, li ħoloq fl-1994, huwa l-assemblea politika tal-UE ta' 329 rappreżentant reġjonali u lokali bħall-presidenti reġjonali jew is-sindki tal-bliet minn kull wieħed mis-27 Stat Membru, u jirrappreżentaw aktar minn 446 miljun Ewropew.

Editjat mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Brussell, Ottubru 2023

Rue Belliard/Belliardstraat 101 | 1040 Bruxelles/Brussel | BELGIQUE/BELGIË
Tel. +32 22822211 | e-mail: visuals@cor.europa.eu | www.cor.europa.eu
@EU_CoR | /european.committee.of.the.regions
/european-committee-of-the-regions | @EU_regions_cities